



Konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tieġu nota tal-fatt li l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea iwassal għat-tmiem tal-mandati tal-Membri Brittaniċi tal-Istituzzjoni b'effett mill-31 ta' Jannar 2020 f'nofsillejl.

Għalhekk, in-numru ta' Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, iffissat għal wieħed għal kull Stat Membru fir-rigward tal-Qorti tal-Ġustizzja u għal tnejn għal kull Stat Membru fir-rigward tal-Qorti Ġenerali, naqas b'effett immedjat fil-mument tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Għall-kuntrarju, konformement mad-[dikjarazzjoni](#) tal-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tad-29 ta' Jannar 2020 dwar il-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, in-numru ta' Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, iffissat bħala ħdax permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2013¹, ma huwiex affettwat minn dan il-ħruġ.

Fl-istennija tal-ħatra, mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, ta' Avukat Ġenerali ġdid, Eleanor Sharpston ser tkompli tokkupa din il-pożizzjoni sad-dħul fil-kariga tas-suċċessur tagħha, konformement mal-Artikoli 5 u 8 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Konformement mal-istipulazzjonijiet tal-ftehim dwar il-ħruġ, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ser iżżomm ġurisdizzjoni sabiex tieġu konjizzjoni ta' kull proċedura mressqa minn jew kontra r-Renju Unit qabel it-tmiem tal-perijodu ta' tranżizzjoni, li huwa ffissat għall-31 ta' Diċembru 2020. Hija ser iżżomm ukoll ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar it-talbiet tal-qradi tar-Renju Unit mressqa qabel it-tmiem ta' dan il-perijodu ta' tranżizzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ssellem il-kontribuzzjoni sostanzjali tal-ex Membri Brittaniċi kollha għall-proġett Ewropew b'mod ġenerali u għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali b'mod partikolari.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

¹ Deċiżjoni 2013/336/UE tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2013 li żżid l-għadd ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2013 L 179, p. 92).